



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tad-9 ta' Frar 2017 – Dröge *et vs* Il-Kummissjoni

(Kawża T-142/16)

“Rikors għal annullament – Dikjarazzjoni ta’ intenzjoni u żewġ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-modalitajiet ta’ aċċess għad-dokumenti dwar in-negozjati tal-partenarjat transatlantiku ta’ kummerċ u ta’ investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti (TTIP) – Dritt ta’ aċċess tal-kollaboraturi tal-membri tal-parlamenti nazzjonali għal ċerti dokumenti kunfidenzjali tan-negozjati tat-TTIP – Atti li ma jistgħux jiġu kkontestati – Inammissibbiltà”

1. *Rikors għal annullament – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Kunċett – Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti – Atti preparatorji – Esklużjoni*

(l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punti 24-26, 30, 33, 38)

2. *Proċedura ġudizzjarja – Rikors promotur – Rekwiżiti ta’ forma proċedurali – Identifikazzjoni tal-konvenut – Indikazzjoni bħala konvenut, mingħajr żball min-naħa tar-rikorrent, ta’ persuna oħra li ma hijiex l-awtriċi tal-att ikkontestat – Inammissibbiltà – Limiti – Elementi li jippermettu mingħajr ambigwiżà l-identifikazzjoni tal-konvenut*

(l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 21; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 76(c))

(ara l-punt 38)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett tad-dikjarazzjoni ta’ intenzjoni tal-Kummissjoni intiża għall-konklużjoni ta’ trattat vinkolanti għall-partijiet kontraenti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika, fir-rigward tal-modalitajiet ta’ aċċess għad-dokumenti tan-negozjati dwar partenarjat transatlantiku ta’ kummerċ u ta’ investment (TTIP), u, sussidjarjament, li jiġi ddikjarat li din tikser id-dritt tal-Unjoni, it-tieni nett, tad-deċiżjoni preliminari tal-Kummissjoni intiża għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta’ intenzjoni ċċitata iktar ’il fuq dwar l-awtorizzazzjoni tal-ftehim u, it-tielet nett, tad-deċiżjoni orali tal-Kummissjoni marbuta mal-konklużjoni ta’ trattat jew ta’ ftehim politiku mhux vinkolanti mal-Istati Uniti tal-Amerika fir-rigward tas-“sistema ta’ aċċess TTIP” u li tiddefinixxi din is-sistema bħala vinkolanti fid-dritt tal-Unjoni, sa fejn huwa strettament

ipprojbit li l-membri tal-parlamenti tal-Istati Membri jiġu akkumpanjati minn kollaboraturi, li jkunu għaddew minn kontrolli ta' sigurtà, inklużi kollaboraturi tal-grupp politiku tagħhom waqt il-konsultazzjoni tad-dokumenti relatati mat-TTIP fis-swali tal-qari mħejja għal dan il-għan.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Katharina Dröge, Britta Haßelmann u Anton Hofreiter huma kkundannati għall-ispejjeż.